# Il-Ħadd 10.02.2019

1. It-Tnejn 11/02, **Jum il-Morda**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa fil-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla. Din is-sena il-quddiesa taħbat fil-175 anniversarju mit-twelid ta' Santa Bernardetta u l-140 anniversarju mill-mewt tagħha.

2. It-Tlieta 12/02:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ġimgħa 15/02:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-7:00pm - Taħdita pubblika organizzata mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent u mogħtija mill-Professur Josè Carlos De Miranda mill-Università ta' Lisbona l-Portugall, dwar l-Enċiklika **Laudato Si'**, fl-Istitut Kattoliku l-Furjana. Kulħadd mistieden.

4. Is-Sibt 16/02:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Il-Ħadd 17/02:
   - Fid-9:00am - Il-Quddiesa mill-Parroċċa tagħna ser tixxandar fuq TVM2.
     Nieħdu ħsieb inwasslu l-aħbar lill-morda u lil dawk kollha
     li ma jistgħux jingħaqdu magħna għall-quddiesa tal-Ħadd.

6. Il-Ħamis 21/02:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji aktar 'il quddiem matul din il-ġimgħa mingħand il-helpers.

7. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jgħarrafkom li l-ġbir li sar f'Jannar b'risq il-festa esterna ta' San Pawl kien ta' € 3,100. Il-Każin jirringrazzja lil kull min ta sehmu u japprezza jekk ħadd ma joqgħod lura.

8. Avviż tal-Kunsill Lokali:
   - Illum 10/02, mis-7:00am 'il quddiem, Triq Carmelo Caruana se tkun magħluqa għat-traffiku peress li ser issir it-tiġrija annwali tar-roti.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 250 bħala ġabra speċjali għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 105 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.

10. Nitolbu għal Karmenu Caruana li għadda għal ħajja ta' dejjem.
    Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...